MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1880/2002

**Middle Sea Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Catherine Catania a bazi tal-polza ta'**
**assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Catherine Catania**

**Vs**

**Reno Muscat**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm458.03c (erba' mija u tmienja u hamsin lira Maltin u tlett centezmi) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku bejn il-vettura MSP 001 proprjeta' ta' Catherine Catania u l-vettura tal-konvenut FBM 328 ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra l-Kontro-Talba fejn il-konvenut talab Lm241.09c (mitejn u wiehed u erbghin lira Maltin u disa' centezmi) rapprezentanti danni kkagunati fl-istess incident. Skond il-konvenut, l-incident gara unikament tort ta' Catherine Catania.

Ra r-Risposta tas-socjeta' attrici fejn gie notat li Middle Sea Insurance m'ghandha l-ebda konnessjoni mar-responsabbilta' ghall-kollizjoni mertu tal-kawza u li Catherine Catania ma kienet b'ebda mod responsabbli.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Gabriella England, prodotta mis-socjeta' attrici, fejn tikkonferma li Catherine Catania kienet assigurata mas-socjeta' attrici bil-polza *fully comprehensive*.

Ra x-xhieda ta' John Borg Bellanti fejn jikkonferma li s-survey ghamlu hu.

Ra x-xhieda ta' Catherine Catania fejn tghid li kienet qed isuq bil-mod hafna fil-bypass ta' Birkirkara minhabba li kellha tarbija maghha u semghet id-daqqa tal-konvenut minn warajha. Ikkonfermat li mlew il-*Bumper To Bumper Form* izda tghid li l-konvenut ma ta l-ebda spjegazzjoni ta' kif gara l-incident.

Ra x-xhieda ta' Reno Muscat fejn qal li kien hemm *traffic jam* fil-bypass ta' Birkirkara meta ra lill-karozza ta' quddiemu gejja lura. Jghid li beda jdoqq il-horn izda kien ghalxejn ghax strahet mal-vettura tieghu, fis-sens li kien hemm habta zghira. L-incident sehh f'telgha w ezatt wara l-incident Catania qalet li kienet qed tittawwal lejn it-tarbija u qalet:

"Ma nafx li mxietli l-karozza."

Ikkonferma li mlew zewg formoli tal-*Front To Rear*. Ighid ukoll li Catania qaltlu biex ma jiktibx fuq il-formola taghha izda jikteb li jrid fuq il-formola tieghu. Jikkonferma li ffirma z-zewg formoli.

Ra s-seduta datata 8 t'Ottubru, 2003 li fiha regghet xehdet Catherine Catania fejn accertat li formola wahda biss imliet. Tikkonferma li l-formola muriha mill-konvenut mhux taghha lanqas il-firma. Tichad li fit-*traffic jam* marret lura bil-karozza. Tghid li t-tarbija kienet rieqda kemm qabel l-incident kif ukoll wara u ghalhekk tichad li kellha mohha fit-tarbija. Catania tghid li ma ndunatx li kellha timla jew taghmel xi kummenti ohra fuq il-formola.

Ra t-tieni xhieda tal-konvenut fejn jerga' jghid li l-karozza ta' Catania kienet miexja lura u mhux bir-*reverse lights*. Jerga' jghid ukoll li ffirma l-formola taghha u Catania ffirmat il-formola tieghu.

F'din il-kawza hemm zewg verzjonijiet konfliggenti. L-attrici tghid:

"Smajt li l-karozza ta' warajja dahlet go fija."

Il-konvenut ghamel Affidavit fit-8 t'April, 2002 fejn qal li:

"Il-karozza ta' quddiemi bdiet niezla lura ghal fuq il-karozza tieghi, b'konsegwenza t'hekk li baqghet diehla fuqi."

Illi l-konvenut esebixxa *Front To Rear Form* fejn hu kiteb il-verzjoni tieghu ta' kif gara l-incident. L-attrici qalet li hi ma kienetx iffirmat din il-formola w esebiet formola minghajr din il-verzjoni. L-attrici tghid li l-konvenut mhux kredibbli ghaliex meta xehed qal li l-vettura ta' l-attrici "strahet fuqu" – dan meta hemm danni fl-ammont ta' iktar minn Lm600 (sitt mitt lira Maltin) bejn iz-zewg vetturi. Fil-fatt wara li uza l-kliem "strahet" il-konvenut qal li kien hemm habta zghira.

Illi huwa maghruf li:

"F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort ta' l-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun ta' l-attur imma semplicement ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova li allega bhala bazi ta' l-azzjoni tieghu (Mallia noe Vs Anastasi PA 3/10/1996)."

Illi lanqas il-konvenut ma gab bizzejjed provi sabiex dan it-Tribunal jikkonkludi li l-attrici kellha tort. Certament il-Kontro-Talba fil-konfront ta' Middle Sea Insurance Plc hi bla bazi.

Billi m'hemmx bizzejjed provi sabiex it-Tribunal jikkonkludi dwar it-tort tal-partijiet f'dan l-incident jichad it-talba ta' l-atturi u jichad il-Kontro-Talba. Kull parti ihallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------